Tagħrif Storiku...

Minn Giovanni Farrugia

Riċerka ta' l-1947

Riveduta fl-1997

F'waħda mir-riċerki li kont qiegħed nagħmel sabiex ikollna tifkiriet ta' l-għeżież tagħna, sibt li xi żgħażagħ sa minn dejjem, fl-istorja ta' l-Imqabba, kienu jinteressaw ruħhom f'affarjiet ta' kultura, bħalma hija l-mużika, l-iskultura fil-ġebel u ħafna oħrajn.

Kien fl-1947 meta kelli taħdita ma' Ġorġ Parnis ta' *Strada* San Bażilju u tani dan it-tagħrif. Kienu ċirka l-1880 meta Ġanni Zammit (Brajnuk) kien jislef ir-remissa tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu xi żgħażagħ tal-Partit ta' Santa Marija u jdoqqu xi strumenti u fl-istess ħin iżommu l-għaqda bejniethom.

F'dik l-Epoka, il-Każin ta' Santa Marija kien flok il-familja Busuttil (Ta' Soldi) fi Triq il- Parroċċa, quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

Xi żgħażagħ milli semmewli kienu Karmnu Zammit (Tar-Reġina), Karmnu Farrugia (L-Ingliż), Ġużeppi Zammit (Ta' l-Għoli), Pawlu Farrugia (Il-Marokk) u kien hemm magħhom wieħed Schembri, li ismu ma nafuhx, li nafu huwa li jiġi minn Spiru Schembri (Ta' Barbra). Kienu seba' b'kollox. Fittixt ħafna però għad ma rnexxielix inkun nafhom kollha b'ċertu dettal.

Dawn iż-żgħażagħ kienu jdoqqu dawn l-istrumenti mużikali: (Din il-versjoni jaqbel magħha Feliċ Zammit, ex-President tas-Soċjetà). Karmnu Zammit u Pawlu Farrugia bil-Kitarra, Karmnu Farrugia bil-Mandolina u Ġużeppi Zammit bl-Orgni tal-Ħalq.

Issa tajjeb li wieħed ikun jaf li min xi dokumenti li sibt għand Ġużeppi Zammit (Gambona) qabel dawn iż-

żgħażagħ, kien hemm xi żgħażagħ oħra li forsi għad xi darba nkunu nafu dwarhom… dawn żgur li kienu jeżistu, infatti meta kont qiegħed nitkellem ma' wieħed ħabib tiegħi mill-Isla ċertu Ġużè De Giovanni, kien ħadni għand zijuh li dak iż-żmien kellu 'l fuq min tmenin sena. Dan kien uriena programmi tal-Festa tal-Bambina tas-sena 1872 li kien jikkonsisti f'librett ta' erba' paġni li kien jgħid li xi żgħażagħ mill-Imqabba kienu jmorru jdoqqu fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' l-Isla. Din kienet informazzjoni xotta wisq biex tagħmel ċertu riċerki!

Wara diversi riċerki rnexxieli nsib li x'ħin kienu jispiċċaw wieħed miż-żgħażagħ kien iqassam xi santi ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. Min hawn joħroġ il-fatt li meta jien kont għadni żgħażugħ kienu jiġu xi nies mill-Kottonera fil-Festa ta' Santa Marija. Fil-Pellegrinaġġ tas-seba' Santa Marijiet kienu jgħidulna li Santa Marija ta' l-Imqabba taqla l-Grazzji! Għal dan il-fatt ikompli, tant li l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Lawrenz Spiteri kien sab fl-arkivji tal-Knisja li l-vara ta' Santa Marija għandha iktar min 160 wegħda tal-Fidda, Għadna ma nafux x'sar minnhom. Meta jien u l-wisq maħbub Dun Geraldu Mangion konna tajna bidu sabiex niktbu l-Istorja ta' l-Imqabba, kien sab xi tagħrif dwar l-istess wegħdiet. Bqajna nistħarrġu biex ikollna tagħrif iktar ċar però ma sibniex…

Sparatura fuq il-Plattini

Nhar il-Ħadd 5 ta' Marzu 2006 mill-10.00am 'il quddiem ġewwa l-Victoria Shooting Range, Ħandaq

L-ewwel premju: Senter tal-Kaċċa jew Lm50 fi flus

Ċemplu 9982 5738 - 9945 7162